**Parlament Ewropew**
2014-2019

*Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel*

**2015/2348(INI)**

9.11.2016

# OPINJONI

tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

għall-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

dwar il-loġistika fl-UE u t-trasport multimodali fil-kurituri l-ġodda tat-TEN-T (2015/2348(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Damiano Zoffoli

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel jistieden lill-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jenfasizza l-konnessjoni bejn in-netwerk tal-infrastruttura tat-TEN-T u l-iżvilupp tal-loġistika, kif ukoll l-opportunitajiet li n-netwerks jistgħu joffru biex itejbu l-prestazzjoni u t-trasport multimodali, anki permezz ta' użu u manutenzjoni aħjar tal-infrastruttura fiżika u diġitali li diġà teżisti; iqis li t-titjib tal-interkonnessjonijiet, il-faċilitajiet u l-infrastruttura eżistenti għandu jkun il-punt ta' tluq ta' azzjoni meħuda mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni bil-għan li tittejjeb il-prestazzjoni tal-loġistika fil-kuntest tal-kurituri tat-TEN-T;

2. Jenfasizza li s-settur tat-trasport fl-UE jkopri madwar kwart tal-emissjonijiet ta' gass b'effett ta' serra u li żieda ta' madwar 70 % fl-attività tat-trasport tal-merkanzija (inkluż it-trasport marittimu internazzjonali) hija mbassra għall-2010-2050 bit-tendenzi u l-politiki adottati attwalment; jenfasizza, għaldaqstant, li t-TEN-T għandu jitqies bħala strument kruċjali biex jintlaħaq l-objettiv ta' dekarbonizzazzjoni tal-politika Ewropea tat-trasport, li jista' jagħti kontribut importanti biex jintlaħqu l-objettivi tal-Ftehim ta' Pariġi COP 21, li r-ratifika tiegħu mill-UE reċentement wasslet għad-dħul fis-seħħ tiegħu, kif ukoll il-miri tal-Unjoni fit-tul rigward il-klima; f'dan ir-rigward, jinnota r-rwol tal-korpi internazzjonali u l-miżuri globali għat-tnaqqis tal-impatti ambjentali globali tat-trasport;

3. Jitlob lill-Kummissjoni tivvaluta l-fattibilità tal-istabbiliment ta' metodu standard uniku għall-kejl tal-emissjonijiet ta' gass b'effett ta' serra tul il-katina tal-provvista għas-soluzzjonijiet tat-trasport modali kollha;

4. Iqis li l-isfida ewlenija għall-UE fir-rigward tal-loġistika se tkun li jiġi minimizzat l-impatt tat-trasport tal-merkanzija fuq l-ambjent u s-saħħa pubblika, speċjalment fit-trasport tal-merkanzija bit-triq, li jkopri madwar kwart tal-emissjonijiet ta' gass b'effett ta' serra tat-trasport bit-triq, billi jitnaqqsu t-tniġġis tal-arja u t-tniġġis akustiku u tiżdied l-effiċjenza f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi;

5. Iqis li huwa importanti li l-iżvilupp tal-loġistika ma jwassalx għad-deterjorament tal-kundizzjonijiet tal-ħajja, speċjalment għal persuni li diġà huma esposti għal livelli għolja ta' tniġġis, u jfakkar li aspetti soċjali, ambjentali u ekonomiċi jridu jiġu kkunsidrati fil-valutazzjoni ta' proġetti infrastrutturali, f'konformità sħiħa mal-leġiżlazzjoni tal-UE u b'mod partikolari d-Direttiva dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali (EIA), li jeħtieġ li tiġi trasposta, implimentata u infurzata b'mod xieraq mill-Istati Membri;

6. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġi ggarantit li l-infrastruttura ppjanata tissodisfa l-ħtiġijiet effettivi għal loġistika sostenibbli u li din ma tkunx piż insostenibbli fuq l-ambjent; f'dan ir-rigward, jenfasizza li l-protezzjoni tal-bijodiversità u l-kisba tal-objettivi ta' konservazzjoni tal-UE, jeħtieġ li jiġu integrati ħafna aħjar fl-ippjanar u l-implimentazzjoni tat-TEN-T;

7. Jenfasizza li l-innovazzjoni teknoloġika toffri mezz biex nimxu aktar malajr u bi spejjeż ħafna aktar baxxi lejn sistema tat-trasport Ewropew aktar effiċjenti u sostenibbli billi

niffokaw fuq tliet fatturi ewlenin, jiġifieri: l-effiċjenza tal-vetturi, indirizzata permezz tal-użu ta' magni, materjali u disinn ġodda, użu aktar nadif tal-enerġija, indirizzat permezz tal-introduzzjoni ta' fjuwils ġodda u sistemi ta' sewqan ġodda, speċjalment peress li 95 % tal-enerġija użata fis-settur tat-trasport fl-UE hija derivata miż-żejt, u użu aħjar tan-netwerks tat-trasport, indirizzat permezz tal-użu tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni; f'dan il-kuntest, jemmen li s-sostituzzjoni ta' fjuwils fossili fil-provvista tal-enerġija għat-trasport se ssaħħaħ il-prestazzjoni ambjentali tas-settur, u li għandhom jiġu kkunsidrati miżuri bħal skemi ta' inċentivi biex iwasslu għal bidla rapida lejn ir-rikonverżjoni ta' vetturi kummerċjali tqal u vetturi tqal għal
sistema tal-motopropulsjoni aktar nadifa u alternattiva, jew miżuri li jistabbilixxu l-gass naturali likwifikat (LNG) bħala alternattiva għad-diżil u bħala fjuwil ta' tranżizzjoni biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tat-trasport tal-merkanzija bit-triq sakemm metodi ta' sewqan alternattivi bħall-batteriji elettriċi u taċ-ċelloli tal-fjuwil isiru kompetittivi;

8. Jistieden lill-Kummissjoni tagħmel is-servizzi ferrovjarji tal-merkanzija aktar kompetittivi permezz ta' netwerks ferrovjarji kompletament interoperabbli u interkonnessi, u billi tiggarantixxi aċċess ugwali lill-kumpaniji, u tagħmel l-istess għall-passaġġi interni navigabbli, it-trasport fuq ix-xmajjar, bil-baħar u bl-ajru, u tippermetti li kull metodu ta' trasport jopera fuq termini ugwali, u jħeġġiġha tippromwovi t-trasport multimodali u intermodali; jirrimarka wkoll li, bil-ħsieb li t-trasferimenti modali u l-loġistika tat-trasport tal-merkanzija jsiru aktar effiċjenti u sostenibbli, hemm il-ħtieġa li tittieħed azzjoni madwar in-netwerks tat-trasport biex jiġu żgurati konnessjonijiet bla xkiel bejn id-diversi mezzi tat-trasport użati, biex jiġu ssimplifikati s-servizzi u jiġi żgurat li dawn ikunu affidabbli u jitneħħew l-ostakli leġiżlattivi, tekniċi u operazzjonali; jemmen, f'dan il-kuntest, li l-Kummissjoni għandha tipproponi qafas għall-iskambju elettroniku ta' informazzjoni u l-ġestjoni fit-trasport multimodali (e-freight) sabiex jiġi ffaċilitat fluss ta' informazzjoni simplifikat, mingħajr karti, bla xkiel u trasparenti fost in-negozji u l-awtoritajiet;

9. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, mingħajr ma tiġi kompromessa s-sikurezza ġenerali, isaħħu aktar miżuri u inċentivi effettivi sabiex jinkoraġġixxu kumpaniji ferrovjarji jindirizzaw il-ħsejjes tal-ferroviji tal-merkanzija, meta jitqiesu l-effetti negattivi tat-tniġġis akustiku fuq is-saħħa, speċjalment billi kważi seba' miljun ruħ fl-UE huma esposti għal livelli ta' ħsejjes ferrovjarji ogħla mil-livell limitu tal-esponiment eċċessiv, b'mod partikolari fiż-żoni urbani; f'dan ir-rigward, jistieden lill-Kummissjoni tintroduċi limiti ta' emissjonijiet tal-ħsejjes tat-trasport ferrovjarju tal-merkanzija;

10. Jenfasizza l-ħtieġa li jkun hemm konċentrazzjoni ta' sforzi kbar fuq ir-rivitalizzazzjoni tal-ferroviji u t-tisħiħ ta' passaġġi fuq l-ilma interni bħala prijorità għall-istrateġija tat-trasport sostenibbli tal-UE; minħabba li mill-bidu tal-kriżi ekonomika l-ferroviji, b'mod partikolari, qed jitilfu s-sehem tagħhom mis-suq b'mod kostanti, jemmen li l-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jipproponu inizjattivi ġodda u mhux diskriminatorji mmirati biex jappoġġjaw l-iżvilupp ta' dan is-settur madwar l-Ewropa; ifakkar lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri fl-objettivi ambizzjużi stabbiliti fil-White Paper tal-2011 dwar it-Trasport (COM(2011)0144), li tinkludi t-trasferiment ta' 30 % tat-trasport tal-merkanzija bit-triq fuq iktar minn 300 km għat-trasport bil-ferrovija u l-passaġġi fuq l-ilma interni sal-2030, u b'50 % sal-2050;

11. Jenfasizza l-importanza ta' interkonnessjonijiet bejn il-portijiet marittimi u modi oħra ta'

trasport, speċjalment bil-ferroviji, bil-ħsieb li jitħeġġeġ l-użu ta' modi aktar favorevoli għall-ambjent, li tiżdied l-intermodalità u jitnaqqsu l-emissjonijiet $CO_2$; jistieden lill-Kummissjoni tiffoka fuq titjib fl-interkonnessjonijiet ma' portijiet tal-baħar li qed ifittxu li jiżviluppaw konnessjonijiet ma' kurituri tal-ferrovija u tat-TEN-T;

12. Jenfasizza l-importanza tal-investiment fil-loġistika taċ-ċirkwit lokali u hubs loġistiċi aktar ekoloġiċi, speċjalment f'żoni urbani u fil-portijiet, bil-għan li tinkiseb integrazzjoni aħjar bejn il-hubs urbani u l-kurituri prinċipali, peress li l-parti l-kbira tal-vjaġġi jibdew u jispiċċaw f'żoni urbani, u l-importanza tal-isforzi ta' simplifikazzjoni amministrattiva u tal-proċeduri ta' żdoganar tal-merkanzija, sabiex jitnaqqsu b'mod ġenerali l-ħinijiet u l-spejjeż tat-trasport; jinnota l-potenzjal tan-navigazzjoni interna u d-dimensjoni marittima tat-TEN-T biex jitnaqqas l-impatt ambjentali tas-settur tat-trasport;

13. Jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi l-iżvilupp ta' modi elettriċi tat-trasport u l-infrastruttura meħtieġa tul in-netwerk kollu tat-TEN-T, u, b'mod speċjali fiċ-ċentri tal-ibliet, biex jissaħħaħ l-iżvilupp ta' skemi innovattivi tat-trasport, li jinvolvu, pereżempju, l-użu ta' vetturi elettriċi u sorsi tal-enerġija li jiġġeddu, u l-iżvilupp ta' fjuwils alternattivi u l-infrastruttura meħtieġa; jenfasizza li l-użu ta' vetturi kummerċjali elettriċi ħfief fil-loġistika taċ-ċirkwit lokali jnaqqas l-emissjonijiet $CO_2$ b'mod ġenerali, kif ukoll u b'mod partikolari, emissjonijiet lokali ta' sustanzi li jniġġsu u ta' ħsejjes, u b'hekk jingħata kontribut pożittiv għall-kwalità tal-arja fiż-żoni urbani; jenfasizza, għalhekk, il-ħtieġa ta' infrastrutturi ta' ċċarġjar f'hubs loġistiċi;

14. Jenfasizza r-rwol li jista' jkollhom ir-riċerka u l-innovazzjoni fl-iżvilupp ta' loġistika sostenibbli mill-perspettiva ambjentali u l-loġistika diġitalizzata u li jiġu żgurati interoperabilità u interkonnettività akbar tas-sistemi u s-servizzi tal-IT;

15. Jenfasizza kemm huwa importanti għas-settur tat-trasport u tal-loġistika li s-suq uniku diġitali jkun ikkompletat u b'mod partikolari biex konnettività b'disponibilità għolja, b'affidabilità għolja u bi stabilità għolja tiġi pprovduta tul in-netwerk kollu tat-TEN-T u tul il-kurituri ferrovjarji;

16. Jistieden lill-Kummissjoni tfassal strateġija ġdida ta' innovazzjoni u ta' mobilizzazzjoni għas-settur tat-trasport, f'sinerġija mill-qrib mal-Pjan Strateġiku Ewropew għat-Teknoloġija tal-Enerġija (Pjan SET), bil-għan li jiġu identifikati governanza u strumenti ta' finanzjament xierqa u tiġi żgurata l-mobilizzazzjoni rapida tar-riżultati tar-riċerka;

17. Peress li d-diġitalizzazzjoni tas-servizzi għandha rwol x'tisvolġi fl-inkoraġġiment ta' soluzzjonijiet tat-trasport aktar favorevoli għall-ambjent, jistieden lill-Kummissjoni tiffaċilita, anke permezz ta' approċċ leġiżlattiv koerenti fil-livell tal-UE, l-aċċess għad-data u l-qsim ta' data fir-rigward tal-fluss tat-traffiku tul il-kurituri u l-użu ta' trasport multimodali, speċjalment għall-SMEs, u biex tiżgura involviment akbar ta' operaturi u awtoritajiet pubbliċi lokali f'dan is-settur, sabiex tittejjeb il-ġestjoni tal-katina ta' provvista u jsir użu aktar effiċjenti tar-riżorsi u l-infrastruttura, inkluż bil-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki; jissottolinja l-fatt li l-aċċess għal din id-data dwar il-fluss tat-traffiku minn atturi bħall-fornituri tas-servizzi ta' mapep u navigazzjoni diġitali huwa fundamentali biex jiġu promossi t-trasport intermodali, rotot aktar effiċjenti, sewqan awtomatizzat u sistemi ta' trasport intelliġenti, kif ukoll il-"platooning" (raggruppament ta' vetturi varji) fit-trasport tal-merkanzija bit-triq, u fl-istess ħin dan tal-aħħar jippermetti użu aħjar tas-slipstreaming biex b'hekk jitnaqqsu l-emissjonijiet u tiżdied il-kapaċità tat-toroq;

18. Jinnota li r-Regolament tat-trasport attwalment huwa marbut mal-mod ta' trasport u jaqa' taħt il-kompetenza ta' diversi korpi internazzjonali (pereżempju l-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (OMI) u l-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO)); jinnota wkoll li r-rieżami globali u l-iżvilupp tas-sistema tat-trasport multimodali huma sfida minħabba l-ħafna atturi involuti;

19. Jirrakkomanda li t-tagħmir ta' interlocks tal-alkoħol – b'marġini ta' tolleranza ta' kejl żgħira u b'bażi xjentifika – għat-tipi ġodda kollha ta' vetturi għat-trasport tal-merkanzija jsir obbligatorju;

20. Jistieden lill-Kummissjoni tagħmel disponibbli aktar riżorsi u tagħmel użu aktar effettiv tal-fondi Ewropej, b'mod partikolari għal dawk il-proġetti li jfittxu li jnaqqsu l-impatt ambjentali tas-settur tat-trasport b'mod ġenerali u t-trasport tal-merkanzija b'mod partikolari u għal dawk il-proġetti sostenibbli b'riskju ogħla li jistgħu jkunu anqas attraenti għall-investituri privati;

21. Jistieden lill-Kummissjoni tqis l-impatt li t-tixrid ta' prattiki "just-in-time" qed ikollu fuq l-ambjent, minħabba l-fatt li jżidu t-traffiku tal-vetturi;

22. Jenfasizza l-ħtieġa, speċjalment fid-dawl tat-tranżizzjoni gradwali lejn ekonomija ċirkolari, li l-operazzjonijiet loġistiċi distributtivi jew inversi jiġu integrati bil-għan li jitnaqqsu l-volumi tal-moviment ta' vetturi b'mod ġenerali.

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI
## FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 8.11.2016 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 52<br>–: 2<br>0: 0 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Marco Affronte, Margrete Auken, Pilar Ayuso, Zoltán Balczó, Ivo Belet, Biljana Borzan, Paul Brannen, Cristian-Silviu Buşoi, Soledad Cabezón Ruiz, Nessa Childers, Mireille D'Ornano, Miriam Dalli, Seb Dance, Angélique Delahaye, Jørn Dohrmann, Stefan Eck, Bas Eickhout, José Inácio Faria, Karl-Heinz Florenz, Francesc Gambús, Elisabetta Gardini, Gerben-Jan Gerbrandy, Jens Gieseke, Françoise Grossetête, György Hölvényi, Anneli Jäätteenmäki, Jean-François Jalkh, Benedek Jávor, Kateřina Konečná, Giovanni La Via, Peter Liese, Norbert Lins, Valentinas Mazuronis, Susanne Melior, Miroslav Mikolášik, Massimo Paolucci, Piernicola Pedicini, Bolesław G. Piecha, Pavel Poc, Annie Schreijer-Pierik, Davor Škrlec, Renate Sommer, Estefanía Torres Martínez, Damiano Zoffoli |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Nicola Caputo, Michel Dantin, Christofer Fjellner, Elena Gentile, Peter Jahr, James Nicholson, Jasenko Selimovic, Bart Staes |
| **Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Jens Nilsson, Marco Valli |